10 ta' Ottubru, 1951.

Imħallef:

L-Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.

*Giovanna Cauchi et versus Onor. Edgar Cuschieri ne.*

**Depożitu — Bank tal-Gvern — Danni.**

*L-impjegat tal-Government Savings Bank li jħallas depożitu li jkun hemm fil-Bank lil min jippreżentalu l-Pass Book, wara li dan jirrispondi għad-domandi kollha li jagħmillu dak l-impjegat skond ir-regolamenti tal-Bank, u jirrispondi bl-eżattezza kollha u b'mod konformi għall-indikazzjonijiet li jkollu l-Bank dwar il-persuna li lilha tappartjeni dak id-depożitu, u b'mod li dak l-impjegat ikun ġustifikat iħoss ruħu konvint li l-persuna li ppreżentat il-Pass Book hija t-titolari tiegħu, ma hux ħati ta' ebda traskuraġni, imprudenza, negliġenza, jew diżattenzjoni. U għalhekk dak l-impjegat ma hux ħati għad-danni jekk wara jirriżulta li l-persuna li ppreżentat il-Pass Book, u li rċeviet b'ingann dawk il-flus, ma kienetx it-titolari tal-Pass Book.*

Il-Qorti, — Rat l-att taċ-ċitazzjoni, li bih l-atturi, wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha meħtieġa, wara li jippremettew illi l-attriċi, meta kienet għadha xebba u taħt l-età, kellha depożitu fil-Government Savings Bank, taħt isimha Jane Sultana, ta' £340; u illi l-konvenuti, jew min minnhom, ħallsu lil ħadd ieħor mill-imsemmi depożitu ta' l-attriċi, meta kienu, jew messhom kienu, jafu li l-iżbankanti ma kienux it-titolari tal-librett relativ, is-somma komplessiva ta' £240; u illi b'dana l-mod l-atturi sofrew danni minħabba l-ħtija, l-imprudenza, negliġenza u diżattenzjoni tal-konvenuti, għaliex sal-lum ma setgħux jinkassaw l-imsemmija somma; u illi dana l-iżbank ġie awtorizzat kontra r-Regolament nru. 21 tar-"Regulations of the Malta Government Savings Bank" li jinsabu inkorporati fil-bidu ta' kull librett, fejn espressament jingħad "Ma jintradd ebda depożitu ħlief lid-depożitanti jew lir-rappreżentant leġittimu tiegħu", u hemm elenkati l-formalitajiet li għandhom isiru għall-identifikazzjoni ta' l-iżbankant; talbu illi l-konvenuti, jew min minnhom, ikunu dikjarati responsabili tad-danni li sofrew l-atturi għar-raġunijiet fuq allegati; u konsegwentement ikunu kundannati jħallsu u jirrestitwixxu lill-atturi s-somma ta' £240

fuq imsemmija. Bl-imgħax legali mill-ġurnata li ġiet żbankata l-istess somma. Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti;

*Omissis;*

**Ikkunsidrat,**

Illi mill-kumpless tal-provi jirriżulta li l-attriċi żżewġet lill-attur fis-7 ta' Ġunju 1949 (fol. 43). Dak iż-żmien hija kellha xi flus depożitati fil-Malta Government Savings Bank, fejn hija kienet ilha teffettwa depożiti mis-sena 1946 (fol. 84), meta kienet għadha minuri, u b'kunjom xbubitha Sultana, billi, kif tgħid hija stess, twieldet fis-sena 1930. Ftit taż-żmien qabel iżżewġet hija kellha bżonn ta' xi flus, u hekk marret ma' ommha u ma' oħtha Helen biex tiżbanka xi ħaġa minn dak il-Bank; imma billi dak iż-żmien hija kienet għadha ma għalqetx il-21 sena, il-konvenut Sultana, li kien addett kaxxier fl-istess Bank, ma effettwax l-iżbank mitlub, billi l-attriċi lanqas ma kienet assistita minn missierha, u rriferixxa l-każ lill-konvenut Miller bħala Manager tal-Bank (fol. 63 tergo). Biex tkun tista' tiżbanka l-flus, fit-2 ta' Mejju 1949, l-attriċi otteniet awtorizzazzjoni minn għand missierha (fol. 85), u għamlet pratiki oħra neċessarji; u fil-5 ta' Mejju 1949 hija rtirat mill-Bank £140. 13. 10........... Minbarra dawk it-tliet żbanki, li ġew effettwati mill-konvenut Galea (fol. 84) bħala kaxxier, l-attriċi tgħid li qatt ma żbankat flus oħra mid-depożitu eżistenti f'isimha f'dak il-Bank (fol. 30 tergo); u għalhekk, meta żżewġet, hija kellha l-impressjoni li dak iż-żmien id-depożitu kien ta' £340;

Wara xi jumejn fuq iż-żwieġ l-attriċi saret taf minn għand żewġha — għaliex hija ma tafx taqra u tikteb — li dak id-depożitu kien ta' £100; u allura hija rriferiet lill-attur li ż-żewġ ammonti ta' £160 u £80, li skond il-librett kienu jidhru bħala li ġew żbankati minnha fil-31 ta' Mejju, u fit-3 ta' Ġunju 1949, rispettivament (fol. 84), fil-fatt hija ma kienetx żbankathom. L-atturi marru jkellmu lill-konvenut Miller; saru xi konfronti mal-konvenuti Galea u Sultana; indaħlet il-Pulizija, li istitwiet proċeduri kriminali kontra omm u oħt l-attriċi fuq l-akkuża li dawn kienu rċevew il-flus fuq imsemmija per mezz tal-konvenuti Galea u Sultana; dawk il-proċeduri spiċċaw billi omm u oħt l-attriċi ġew misjuba ħatja li kienu żbankaw illegalment it-£80, imma fuq l-iżbank tal-

£160 ġew l-berati minħabba insuffiċjenza u konfużjoni ta' provi (fol. 17). B'din il-kawża l-atturi qegħdin jazzjonaw lill-konvenuti biex iħallsuhom l-ammont komplessiv ta' £240, jew il-£160 u £80, bħala danni li huma sofrew minħabba li l-konvenuti, bi traskuraġini u b'nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti, ħallew li dawk il-flus jiġu żbankati minn min ma kienx it-titolari tal-librett relativ;

Ikkunsidrat;

Illi waħda mill-premessi għat-talba ta' l-atturi hija li "il-konvenuti, jew min minnhom, ħallsu lil ħadd ieħor li ma kienx it-titolari tal-librett ta' l-attriċi, is-somma komplessiva ta' £240"; u għalhekk irid jiġi eżaminat jekk il-konvenuti, jew min minnhom, ħallsux dawn il-£240, jew £160 u £80 ġa msemmijin, lil xi ħadd li ma kienx l-attriċi, it-titolar tal-librett; u jekk sar dan il-ħlas, l-istess sarx bi ħtija tal-konvenuti jew ta' xi ħadd minnhom;

Ikkunsidrat;

Illi rigward l-ewwel żbank ta' £160......... L-attriċi tallega li dawk il-flus irtirawhom ommha u oħtha Helen; dawn ċaħdu li rtiraw dawk il-flus...........;

Illi l-atturi ma jippruvawx l-allegazzjoni tagħhom b'mod soddisfaċenti; anzi hemm dubju serju, riżultanti mill-atteġġjament ta' l-istess attriċi, jekk dawk il-£160 ħadithomx l-istess attriċi. Infatti...........;

Illi minbarra dawn il-kontradizzjonijiet wisq rilevanti, l-attriċi kienet wisq konfuża u inċerta fix-xhieda tagħha, u ikkontradiċiet ruħha diversi drabi.................;

Illi għalhekk ma jirriżultax biżżejjed li l-konvenut Sultana effettwa l-iżbank tal-£160 lil xi persuna diversa mill-attriċi; u taħt dana l-aspett it-talba ta' l-atturi, in kwantu tirrigwarda dan l-ammont, mhijiex sosentibili;

Ikkunsidrat;

Illi rigward it-tieni żbank, dak ta' £80, l-istess ma jidherx li sar mill-attriċi...........;

Illi, suppost li dak l-iżbank ġie effettwat, kif aktarx ġie effettwat, mill-konvenut Galea lil persuna oħra li ma kienetx l-attriċi, l-istess konvenut ma jistax ikun kunsidrat responsabili għall-aġir tiegħu. Jirriżulta li l-konvenut Galea, qabel ma effettwa l-iżbank tat-£80, staqsa lil min ippreżenta ruħu

għall-ħlas id-dettalji kollha neċessarji, jiġifieri l-isem, l-età, lok tat-twelid, paternità, u oħrajn, u dik il-persuna rrispondietu fil-kollox eżatt in konformità ma' dak li huwa kellu mniżżel fil-"card" b'riferenza għall-attriċi (fol. 66, 68 tergo); u għalhekk ħallasha. Huwa kellu wkoll il-formola relativa għall-iżbank debitament mimlija mix-xhud Carabott, li kienet turi u tiżgura li l-persuna li kienet qiegħda tippreżenta dik il-formola għall-iżbank tat-£80 kienet l-attriċi, it-titolari tal-librett li ġie lilu wkoll preżentat. Il-konvenut Galea ma kienx jafha lill-attriċi, u huwa effettwa l-iżbank wara li mir-risposti li rċieva għad-domandi li għamel lil dik il-persuna rriżultalu li dik l-istess persuna kienet it-titolari tal-librett skond il-formola li kienet ġiet lilu preżentata............. Il-konvenut Galea għamel dawk id-domandi li għalihom kellu risposti eżatti skond il-"card", u huwa kellu ppreżentat lilu l-Pass Book ta' l-attriċi, u kellu wkoll preżentata l-formola għall-iżbank bil-partikularitajiet skond dak il-Pass Book u l-"card". Għalhekk ma jistax jingħad li huwa kellu b'xi mod jaħseb u jippreżumi li dik il-persuna li rrispondiet hekk tajjeb għad-domandi li għamlilha, u li kienet ippreżentatlu l-Pass Book ta' l-attriċi u l-formola għall-iżbank tat-£80, ma kienetx it-titolari ta' dak il-librett u ma kellhiex dritt li tiżbanka dawk it-£80; u għalhekk ebda traskuraġni, imprudenza, negliġenza, jew diżattenzjoni, ma tista' tiġi imputata lilu; għaliex, għall-kuntrarju, mic-ċirkustanzi kollha tal-każ irriżulta li huwa uża d-diliġenza kollha li kellu juża biex jeffettwa dak l-iżbank;

Illi għalhekk it-talba ta' l-atturi, in kwantu tirrigwarda dan l-ammont ta' £80, lanqas ma hija sostenibili;

**Ikkunsidrat;**

Illi l-osservazzjonijiet ta' l-atturi, minnhom sottomessi fin-nota tagħhom (fol. 106), mhumiex konformi għall-fatti. Infatti.............;

Għalhekk il-konvenut Galea uniforma ruħu skrupolożament mar-Regolament 21 tal-Malta Government Savings Bank, anki jekk dak ir-regolament jittieħed bħala li qiegħed fl-interess tad-depożitanti, u mhux biss f'dak tal-Bank. Ma jirriżultax li l-konvenut Galea kien b'xi mod tenut li qabel jeffettwa l-iżbank jaċċerta ruħu li min ippreżentalu l-librett kienet effettivament id-depożitanti. Mir-risposti li rċieva minn

dik il-persuna, mill-partikularitajiet tal-Pass Book u tal-formola ta' l-iżbank, kollha korrispondenti għall-"card" li hu kellu, u li kienu juru riferenza għall-attriċi, huwa ħass ruħu konvint, kif kellu jħossu taħt iċ-ċirkustanzi, li dik il-persuna kienet definitivament l-attriċi; u qatt ma seta' jkun jaf jew jippreżumi bl-ingann li kien sar. Del resto, fuq l-istess Pass Book hemm, fil-"cover" ta' barra, in-"Nota Bene", "the person presenting this book will be considered as its legitimate owner, or his agent, unless the contrary appear probable"; u kif intqal, xejn ma kien jidher li min ippreżenta ruħu b'dak il-Pass Book ma kienetx il-vera titolari tiegħu;

Ikkunsidrat;

Illi in vista li t-talba ta' l-atturi għar-responsabilità tal-konvenuti Sultana u Galea ma ġietx sostnuta, 'ma jidherx li hu l-każ li jiġu eżaminati d-diversi eċċezzjonijiet sollevati mill-konvenuti, bħal dik ta' l-illeġittimità tal-persuna, l-intempestività ta' l-azzjoni, u oħrajn, u bħal dik tal-konvenuti Cuschieri u Miller għar-rigward tar-responsabilità tagħhom; għaliex, appart kull ċirkustanza oħra, jekk il-konvenuti Galea u Sultana, kif ġie 'l fuq kunsidrat, mhumiex responsabili għall-fatti allegati mill-atturi fiċ-ċitazzjoni, wisq anqas jistgħu jiġu kunsidrati responsabili l-konvenuti Cuschieri u Miller;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi billi tirrespingi t-talbiet ta' l-atturi, bl-ispejjeż kontra tagħhom.